MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 600/2003

**Robert Portelli**

**vs**

**James Barbara u b'digriet tas-16 ta' Mejju, 2003 gie kjamat in kawza Joseph Pitre, u b'digriet tad-9 ta' Gunju, 2004 gie ordnat il-kjamat in kawza ta' Duncan Cefai**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Marzu, 2003 fejn intalbet dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh Hal Qormi fit-2 ta' Ottubru, 2002 bejn Isuzu numru IBG-185 misjuqa mill-konvenut u Tata numru ABH-517 misjuqa mill-attur, u intalab ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u sebghin**

**lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm870.28) danni (Dok.P).**
**Bl-ispejjez, komprizi tlieta u ghoxrin lira (Lm23.00) ta' ittra u consult, dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut tad-29 t'April, 2003 fejn intqal:**
**i. Illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament bi htija ta' Joseph Pitre` xufier tal-vettura numru EAD-664.**
**ii. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-konvenut ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib prova skond il-ligi tad-danni pretizi minnu.**
**iii. Inoltre fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni.**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.**
**v. Il-konvenut talab il-kjamata fil-kawza ta' l-imsemmi Joseph Pitre` ta' 385 Mdina Road, Qormi.**

**Ra r-risposta prezentata fit-12 ta' Settembru, 2003 mill-kjamat in kawza Joseph Pitre` fejn intqal illi t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Pitre` hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante illi fl-ewwel lok, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-vettura bin-numru EAD-664 ma hijiex proprjeta` tal-kjamat fil-kawza, u lanqas ma kienet misjuqa minnu fid-data u l-hin ta' l-incident de quo, stante illi fit-2 ta' Ottubru, 2002, il-kjamat fil-kawza kien jinsab imsiefer, skond kif jirrizulta mill-passaport tieghu li kopja tieghu giet annessa, esebita u mmarkata bhala Dok.JP.**
**Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghallpremess, it-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-kjamat fil-kawza Joseph Pitre`, izda sehh**

**unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-partijiet l-ohra fil-kawza, jew min minnhom, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2004, deher il-kjamat in kawza Duncan Cefai u ddikjara li ma jahtix ghall-incident de quo. Ra r-risposta ta' Duncan Cefai prezentata fil-21 ta' Jannar, 2005 fejn gie eccepit:**

**a. Illi fil-konfront tal-eccipjent Duncan Cefai, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-eccipjent ma kien involut bl-ebda mod fl-incident imsemmi.**

**b. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PS175 George Pace, Robert Portelli, Joseph Pitre`, James Barbara, Duncan Cefai u John Bonnici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Ottubru, 2002, fi Triq L-Imdina, Hal Qormi, bejn il-vettura numru ABH-517 misjuqa mill-attur, u l-vettura bin-numru IBG-185 misjuqa mill-konvenut Barbara. Il-konvenut Barbara jghid li kienet hierga l-vettura EAD-664 b'lura minn hdejn is-shopwise, hasditu, gibed lejn il-lemin u laqat lill-attur.**

**2. Jibda biex jinghad li l-incident sehh fejn hemm id-dahla li taghti ghas-Shopwise. L-attur u l-konvenut kienu mexjin fl-istess direzzjoni, cioe` gejjin mid-direzzjoni ta' Hal Qormi mexjin fid-direzzjoni ta' Haz Zebbug. L-attur kien fil-karreggata ta' barra, filwaqt li l-konvenut kien fil-karreggata ta' gewwa.**

**3. L-attur u l-konvenut jaghtu zewg versjonijiet kontrastanti dwar kif sehh l-incident.**

**4. L-attur jghid li fil-karreggata ta' gewwa kien hemm il-konvenut u xi hamsin metru l-boghod kien hemm vann iehor li jgib in-numru EAD-664 li kien qed jikser lejn is-service road li hemm fuq ix-xellug.Skond l-attur il-vettura EAD-664 kienet gja qed thares ghall gos-**

**service road, u kien angolat disghin grad mat-triq principali. Jghid ukoll li l-konvenut flok stenna kiser ghall fuq il-lemin u dahal fih. Huwa eskluda li l-vettura EAD-664 kienet qed tirriversja.**

**5. Il-konvenut jsostni li l-vann EAD-664 beda gej lura mil-fetha li taghti ghas-service road, u biex jevitah, il-konvenut kiser lejn il-lemin u habit mal-attur.**

**6. Jirrizulta mix-xhieda ta' John Bonnici Direttur u Motor Claims Manager ta' Bonnici Insurance Agency li l-vettura EAD-664 hi assikurata maghhom u li hija tal-kjamat in kawza Pitre`.**

**7. Pitre` donnu irid jghid li l-vann hu ta' kumpanija, cioe` ta' Joseph Pitre` Ltd.. Li jirrizulta bic-cert hu li fid-data tal-incident l-imsemmi Joseph Pitre` kien imsiefer kif jirrizulta mid-dokument a fol-25 tal-process. Gie kjamat in kawza Duncan Cefai li kien impjegat ma' Joseph Pitre` Ltd. u li allegatament kien qed isuq il-vann EAD-664. Pero` skond l-istess Pitre` il-kumpanija ghandha erba' vannijiet. F'dan is-sens ma hemm ebda prova konkluziva li fil-fatt kien Cefai li kien qed isuq il-vann EAD-664.**

**8. It-Tribunal jinnota finalment li l-hsara fil-vettura tal-attur kienet fuq il-bieba tax-xellug ta' quddiem, fuq il-mudgurd, bumper u fanal. Jekk wiehed jezamina l-iskizz Dok.GP2 a fol.20 tal-process, jinnota li l-vettura tal-attur kienet faccata tal-fetha, pero` mhux centrali maghha, izda aktar lejn id-direzzjoni taz-Zebbug. Dana kollu jindika li meta l-vann EAD-664 kien qed jikser ghall-gos-service road, il-konvenut Barbara ma kienx attent bizzejjed ghall dak li qed isir quddiemu, inhasad, kiser il-barra, bil-konsegwenza li laqat lill-attur. Ghalhekk ghall dan l-incident ghandu jigi ritenut unikament responsabbli il-konvenut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jillibera lill-kjamati in kawza Joseph Pitre` u Duncan Cefai mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' it-talba attrici, jsib lill-konvenut James Barbara unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u sebghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm870.28) bl-imghax legali mid-29 ta' Marzu, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-kjamati fil-kawza, kif ukoll tlieta u ghoxrin lira (Lm23.00) ta' ittra u konsult, u l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104, ghandhom kollha jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------